MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta ta' l-1 ta' Dicembru, 2006

Appell Civili Numru. 610/2002/1

**HSBC Bank Malta plc**

**v.**

1. **John Peter Caruana**
2. **Alexandra mart l-istess John Peter Caruana bhala kompartecipi fil-komunjoni tal-akkwisti mal-istess zewgha.**

**Il-Qorti:**

**Preliminari:**

B’citazzjoni pprezentata quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-28 ta’ Mejju 2002, il-bank attur ippremetta illi l-konvenut huwa veru, cert u likwidu debitur a favur tas-socjeta` attrici fis-somma komplessiva ta’ hdax-il elf mitejn u sittax il-Lira Maltija u hamsa u erbghin centezmu (Lm11,216.45) oltre l-interessi bit-tmienja fil-mija fis-sena (8% p.a.) mit-tnejn u ghoxrin ta’ Settembru elfejn u wiehed (22/09/01), dovuti inkwantu ghall-ghaxar t’elef mija u sitta u sittin Lira Maltija u sitta u sittin centezmu (Lm10,166.36) (sic) fuq overdraft account numru zero zero sitta – zero disgha disgha hamsa sitta tmienja – zero zero wiehed (006-099568-001) (Dok A) u elf u hamsin Lira Maltija u disgha centezmi (Lm1050.09) fuq ‘loan account’ numru zero zero sitta – zero disgha disgha hamsa sitta tmienja – tlieta erbgha zero (006-099568-340) (Dok. B); illi l-konvenuta hija kompartecipi fil-komunjoni ta’ l-akkwisti ezistenti bejnha u bejn zewgha l-konvenut l-iehor; illi ghalkemm debitament interpellati biex ihallsu, huma baqghu inadempjenti (Dok.C); illi l-konvenuti ma ghandhomx eccezzjonijiet x’jaghtu ghat-talbiet attrici kif jirrizulta mill-anness affidavit immarkat Dok. D, ai termini tal-Art 167-171 tal-Kap 16; dan premess il-bank attur talab li dik il-Qorti:-

1) tiddeciedi l-kawza bid-dispensa tas-smiegh tal-provi ai termini ta’ Art. 167-171 tal-Kap 16;

2) tiddikjara lill-konvenuti bhala veri certi u likwidi debituri a favur socjeta` attrici fis-somma komplessiva ta’ hdax il-elf mitejn u sittax il-Lira mlatija u hamsa u erbghin centezmu (Lm11,216.45) oltre l-interessi bit-tmienja fil-mija fis-sena (8% p.a.) mit-tnejn u ghoxrin ta’ Settembru elfejn u wiehed (22/09/01), dovuti inkwantu ghall-ghaxar t’elef mija u sitta u sittin Lira Maltija u sitta u sittin centezmu (Lm10,166.36) (sic) fuq overdraft account numru zero zero sitta – zero disgha disgha hamsa sitta tmienja – zero zero wiehed (006-099568-001) (Dok A) u elf u hamsin Lira Maltija u disgha centezmi (Lm1,050.09) fuq ‘loan account’ numru zero zero sitta – zero disgha disgha hamsa sitta tmienja – tlieta erbgha zero (006-099568-340) (Dok. B);

3) tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lis-socjeta` attrici s-somma ta’ hdax-il elf mitejn u sittax il-Lira Maltija u hamsa u erbghin centezmu (Lm11,216.45) oltre l-interessi bit-tmienja fil-mija fis-sena (8% p.a.) mit-tnejn u ghoxrin ta’ Settembru elfejn u wiehed (22/09/01), dovuti inkwantu ghall-ghaxar t’elef mija u sitta u sittin Lira Maltija u sitta u sittin centezmu (Lm10,166.36) (sic) fuq overdraft account numru zero zero sitta – zero disgha disgha hamsa sitta tmienja – zero zero wiehed (006-099568-001) (Dok A) u elf u hamsin Lira Maltija u disgha centezmi (Lm1,050.09) fuq ‘loan account’ numru zero zero sitta – zero disgha disgha hamsa sitta tmienja – tlieta erbgha zero (006-099568-340) (Dok. B);

Bl-ispejjez u bl-interessi skond il-ligi mit-22 ta’ Settembru 2001, sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenuti mil-lum ingunti ghas-subizzjoni.

B’nota pprezentata fit-30 ta’ Mejju 2002, il-bank attur ceda t-talba fuq imsemmija limitatament u fil-konfront biss ta’ l-konvenuta Alexandra Caruana bhala kompartecipi fil-komunjoni ta’ l-akkwisti ma’ l-istess zewgha, pero` zamm fermi d-drittijiet tieghu kontra l-konvenut l-iehor John Peter Caruana.

Fl-udjenza tal-25 ta’ Ottubru 2002, il-konvenut inghata l-fakolta` li jikkontesta t-talbiet attrici u konsegwentement fit-13 ta’ Novembru, 2002 ipprezenta nota ta’ l-eccezzjonijiet (fol. 26) fejn eccepixxa:

1) Illi l-ammont kif pretiz fic-citazzjoni mhux dovut stante illi l-interessi mhumiex komputati skond il-ligi;

2) Minghajr pregudizzju ghas-suespost illi l-ammont pretiz fi kwalunkwe kaz huwa eccessiv stante illi giet applikata rata t’imghax ta’ 10.5% fuq parti mill-bilanc, liema rata giet stabbilita unilateralment mill-attrici minghajr ma giet maqbula mal-konvenut;

3) Minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-Bank baqa' jikkapitalizza l-interessi ghal zmien aqsar minn sena wara l-kjuzura ta' l-*overdraft account.*

**Is-sentenza appellata.**

Il-Prim Awla tal-Qorti Civili ddisponiet minn din il-vertenza b'sentenza tas-27 ta' Frar, 2004 billi laqghet it-talbiet attrici u ddikjarat lill-konvenut debitur tas-socjeta` attrici fis-somma ta' Lm11,216.45 oltre l-interessi bit-8% p.a. mit-22 ta' Settembru 2001, u kkundannatu jhallas dan l-ammont lis-socjeta` attrici, bl-ispejjez u bl-interessi skond il-ligi mit-22 ta' Settembru 2001, sad-data tal-pagament effettiv, u dana wara li ghamlet is-segwenti osservazzjonijiet:
"Il-konvenut qed jissottometti li l-Lm1,500 ma jirrizultax li ssellifhom. Illi skond l-atturi dan kien kont tal-Visa Card u meta ma jithallsux lura l-pagamenti il-*visa card liabilities* jigu trasferiti f'*ordinary loan account* Dok a fol.8 u 36.

"Inoltre l-konvenut kien inghata *overdraft facility* (ara *Sanction letter* a fol 49). Dan mhux kontestat. Il-konvenut qed jikkontesta l-mod kif gew komputati l-interessi. P.L. Adrian Borg xehed li l-bank kien qed jiccargja l-imghax kompost skond il-ligi u l-prassi sad-data tal-*call in* u wara dika d-data bdew jiccargjaw imghax semplici (ara sentenza tal-Qorti tal-Appell tas-6 ta' Dicembru, 2002 fil-kawza fl-ismijiet 'Bank of Valletta Limited vs Anna's Trading Limited et.)

"Il-konvenut ma resssaqx provi biex jikkontesta it-talba attrici u lanqas ma pprezenta nota.

"Ghalhekk it-talba attrici hija gustifikata."

**L-appell tal-konvenut.**

Il-konvenut hass ruhu aggravat bis-sentenza fuq imsemmija u b'rikors intavolat fit-18 ta' Marzu 2004, talab li, ghar-ragunijiet hemm moghtija, din il-Qorti joghgobha tirrevoka s-sentenza fuq imsemmija jew subordinatament u alternattivament tvarja u tirriforma tali sentenza wara li

takkolji l-eccezzjonijiet tal-konvenuti, bl-ispejjez kontra s-socjeta` attrici appellata.

Il-Bank attur ipprezenta risposta fejn talab li s-sentenza tigi konfermata bl-ispejjez kontra l-konvenut appellant.

L-aggravji tal-konvenut huma tlieta u cioe`:-

a) In-nullita` tas-sentenza billi din ma hijiex debitament motivata. Izda fl-udjenza tas-7 ta' Novembru 2006, meta d-difensuri tal-kontendenti ttrattaw l-appell, id-difensur tal-appellant iddikjara li ma kienx qed jinsisti fuq dan l-aggravju. Din il-Qorti ghalhekk mhux sejra tikkunsdrah aktar, pero` ghal kull buon fini tiddikjara li fi kwalunkwe kaz dan l-aggravju hu mhux biss infondat izda wkoll wiehed fieragh. Is-sentenza appellata kienet sufficjentement motivata u l-ewwel Qorti ghamlet sew li ma nhlietx tikteb trattati.

b) Illi, in prim istanza, ma inghatax il-fakolta` li jressaq il-provi tieghu. Hawn jidher li l-appellant qed jirriferi ghad-digriet tas-26 ta' Awissu 2003 meta l-ewwel Qorti cahdet it-talba tieghu intavolata b'rikors tal-4 ta' Awissu, 2003, biex il-Qorti tissospendi l-prolazzjoni tas-sentenza "*u taghti dawk id-direttivi kollha necessarji u opportuni sabex l-esponent jkun jista' jaghti id-deposizzjoni tieghu u iressaq il-provi tieghu ….*". Izda minn ezami tar-rikors ta' appell jirrizulta li ma saret ebda talba biex l-imsemmi digriet jigi revokat u ghalhekk fic-cirkostanzi din il-Qort hija prekluza milli tikkunsidra dan l-aggravju oltre. Biss jinghad, ghal kull buon fini, li r-rikors imsemmi kien gie presentata wara li l-kawza kienet giet imhollija ghas-sentenza u wara diversi differimenti meta l-istess konvenut appellant kellu kull opportunita` li jressaq il-provi tieghu u jiddeponi dwar il-kaz. Haga li naqas li jaghmel ripetutament. Dan l-aggravju ghalhekk mhux gustifikat.

c) Finalment l-konvenut appellant qed jissottometti li ghalkemm huwa ma ressaqx provi din il-Qorti ghandha, mill-provi attrici, tasal biex tilqa' l-eccezzjonijiet tieghu. Issa hawn il-Qorti tosserva li skond l-fatti tal-kaz kif

moghtija mill-istess konvenut appellant fir-rikors ta' l-appell, l-istess appellant jiddikjara li "*kull ma kellu bzonn jikkjarifika kien, l-ewwel, li fil-kont ta' overdraft jidher li dahal debitu ta' Lm1521.89 (kreditu favur il-bank) u staqsa kemm staqsa lill-ufficjali tal-bank ghalxiex dan il-kont gie debitat b'dan l-ammont huma qatt ma kienu f'posizzjoni jtuh spjegazzjoni, u t-tieni x'rata ta' imghax kienet qed tigi applikata fuq dawn iz-zewg kontijiet minn zmien ghal zmien….*" Din id-dikjarazzjoni effettivament tirrifletti dak li gie verbalizzat fl-udjenza tat-13 ta' Jannar 2003 minn wiehed mill-hafna difensuri tal-konvenut meta Dr Refalo issottometta li "*l-Lm1500 li jidhru a fol 8 ma jirrizultawx li qatt issellifhom, u dwar il-kont l-iehor il-konvenut irid ikun jaf kif gie iccargjat 10.50% u ghal liema perjodu gie kompost l-imghax.*"

Illi dwar il-*loan account* 006-099568-340 ghall-ammont ta' Lm1,050.09 hemm spjega ezawrjent fl-ittra ta' Jeffrey Mercieca Assistant Manager, Central Debt Recovery Unit tal-Bank tat-28 ta' Jannar 2003 minn fejn jirrizulta li dan l-ammont jirraprezenta "*outstanding balances*" fuq il-Credit Card Facilities billi l-konvenut ma kienx ihallas, u kull ammont, skond il-prassi tal-bank, kien jigi addebitat lill-*loan account* u dan naturalment billi kull versament mill-bank fuq il-*credit card* jammonta ghall-self lill-istess konvenut. Il-Qorti hija sosdisfatta b'din l-ispjegazzjoni.

Illi dwar l-imghaxijiet lametati ta' 10.50% minn ezami tad-dokumenti edebiti jirrizulta li dan l-aggravju mhux gustifikat inkwantu l-imghax komputat fuq il-bilanci fuq iz-zewg *accounts* huwa komputat bir-rata ta' 8% fis-sena. Dan l-aggravju ghalhekk mhux gustifikat.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija l-appell qed jigi michud u s-sentenza appellata kkonfermata bl-ispejjez ta' din l-istanza ghall-istess konvenut appellant.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------